

It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu verifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29docsts.html>

Regolament Nru 121 tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, is-sinjali u l-indikaturi

Jinkorpora t-test validu kollu sas:-

Suppliment 3 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament — Data tad-dħul fis-seħħ: 24 ta' Ottubru 2009

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet
6. Modifiki tat-tip tal-vettura jew ta' kwalunkwe aspett ta' speċifikazzjoni għall-kontrolli, is-sinjali u l-indikaturi u estenzjoni tal-approvazzjoni
7. Konformità tal-Produzzjoni
8. Pieni għan-Nuqqas ta' Konformità fil-Produzzjoni
9. Produzzjoni Mwaqqfa Għal Kollox
10. Ismijiet u indirizzi tad-dipartimenti tekniċi responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet ta' approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi

ANNESI

Anness 1 — Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni ta' kontrolli manwali, twissijiet u indikaturi ta' vetturi awtomobilistiċi skont ir-Regolament Nru 121

Anness 2 — Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategoriji M u N ⁽¹⁾. Huwa jispeċifika r-rekwiżiti għall-pożizzjoni, l-identifikazzjoni, il-kulur u t-tidwil tal-kontrolli manwali, is-sinjali u l-indikaturi tal-vetturi awtomobilistiċi. Huwa mfassal biex jiżgura l-aċċessibbiltà u l-viżibbiltà tal-kontrolli, is-sinjali u l-indikaturi tal-vetturi u biex iħaffef l-għażla tagħhom f'kundizzjonijiet tad-dawl ta' binhar u billejl, sabiex jitnaqqsu l-perikli għas-sigurtà kkawżati permezz tad-distrazzjoni tal-attenzjoni tas-sewwieq mis-sewqan u permezz ta' żbalji fl-għażla tal-kontrolli.

⁽¹⁾ Il-kategoriji M u N kif definiti fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E. 3) (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emenda 2 kif emendat l-aħħar mill-Emenda 4).

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament

- 2.1. "Kontroll" tfisser dik il-parti ta' tagħmir operata manwalment li tippermetti lis-sewwieq iwettaq bidla fl-istat jew il-funzjonament ta' vettura jew tas-sistema sekondarja tal-vettura.
- 2.2. "Apparat" ifisser element jew ġabra ta' elementi użati biex titwettaq funzjoni waħda jew aktar funzjonijiet.
- 2.3. "Indikatur" tfisser apparat li juri l-kobor tal-karatteristiċi fiżiċi li l-istrument huwa ddiżinjat li jħoss.
- 2.4. "Spazju komuni" tfisser żona li fiha jistgħu jintwerew żewġ funzjonijiet tal-informazzjoni jew iktar (eż. simbolu) iżda mhux simultanjament.
- 2.5. "Twissija" tfisser sinjal ottiku li, meta mixgħul, jindika l-attwazzjoni ta' apparat, funzjonament jew kundizzjoni korretta jew difettuża, jew nuqqas ta' funzjonament.
- 2.6. "Maġenb" tfisser li ebda kontroll, twissija, indikatur, jew sors potenzjali ieħor ta' distrazzjoni ma jidher bejn is-simbolu ta' identifikazzjoni u t-twissija, l-indikatur jew il-kontroll li dak is-simbolu jidentifika.
- 2.7. "Manifattur" tfisser il-persuna jew korp responsabbli mal-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip u u biex jiżgura l-konformità tal-produzzjoni. Mhuwiex essenzjali li l-persuna jew il-korp ikunu direttament involuti fl-istadi kollha tal-konstruzzjoni tal-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata li hija s-suġġett tal-proċess tal-applikazzjoni.
- 2.8. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi awtomobilistiċi, li ma jvarjawx fir-rigward tal-arranġamenti interni, li jistgħu jaffettwaw l-identifikazzjoni tas-simboli għall-kontrolli, it-twissijiet, u l-indikaturi u t-tħaddim tal-kontrolli.
- 2.9. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-mod ta' installazzjoni, disinn grafiku, leġibbiltà, kulur, u luminożità tal-kontrolli, twissijiet, u indikaturi.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni għall-kontrolli, it-twissijiet u l-indikaturi għandha tiġi sottomessa mill-manifattur jew ir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.
- 3.2. Din għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji ta' dawn id-dokumenti u d-dettalji:
 - 3.2.1. deskrizzjoni tat-tip tal-vettura;
 - 3.2.2. lista tal-oġġetti speċifikati minn dan ir-Regolament fit-Tabella 1 u preskritti mill-manifattur għall-vettura bħala kontrolli, twissijiet jew indikaturi;
 - 3.2.3. disinn grafiku ta' simboli li jidentifikaw il-kontrolli, it-twissijiet u l-indikaturi; u
 - 3.2.4. illustrazzjonijiet u/jew ritratti li juru l-pjanta tal-kontrolli u l-pożizzjoni tat-twissijiet u l-indikaturi fil-vettura;

- 3.3. Vettura jew parti rappreżentattiva tagħha mgħammra b'sett komplut ta' kontrolli, twissijiet u indikaturi, kif preskritt fl-Artikolu 3.2.2 imsemmi qabel, li tirrappreżenta t-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata għandha tiġi sottomessa lid-dipartiment tekniku responsabbli għat-tmexxija tal-evalwazzjoni tal-approvazzjoni.
4. APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk it-tip ta' vettura sottomessa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tilħaq ir-rekwiżiti tar-Regolament, għandha tingħata l-approvazzjoni ta' dik it-tip ta' vettura.
- 4.2. Numru ta' approvazzjoni għandu jiġi assenjat għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri tiegħu (preżentement 00, li jikkorrispondu għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi ewlenin l-aktar reċenti li jkunu saru fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassinja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura jew lill-istess tip ta' vettura sottomessa b'taġħmir mhux speċifkat fil-lista msemmija fl-Artikolu 3.2.2 fuq, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
- 4.3. Notifika tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni jew produzzjoni mwaaqqa għal kollox ta' tip/parti ta' vettura skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.
- 4.4. Marka tal-approvazzjoni internazzjonali għandha titwaħħal, b'mod li jidher u f'post faċilment aċċessibbli speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, ma' kull vettura konformi ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament. Din il-marka tal-approvazzjoni internazzjonali għandha tikkonsisti minn:
- 4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni ⁽²⁾;
- 4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fl-Artikolu 4.4.1.
- 4.5. Jekk il-vettura tkun konformi mat-tip ta' vettura approvat, skont Regolament wieħed jew iktar minn wieħed annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fl-Artikolu 4.4.1 ma għandux għalfejn jiġi ripetut; f'dan il-każ ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha skont liema tkun ngħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fl-Artikolu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew fuq il-panċa tal-informazzjoni tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.
- 4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.

⁽²⁾ 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvizzera, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għall-Islovenja, 27 għall-Islovakkja, 28 għall-Bjelorussja, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnja-Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għal dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha billi jużaw is-simbolu KEE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vakanti), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, 48 għan-New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta u 51 għar-Repubblika tal-Korea, Numri sussegwenti għandhom jiġu assenjati lil pajjiżi oħra bl-ordni kronoloġika li fiha huma jirratifikaw il-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Kundizzjonijiet Uniformi għall-Approvazzjoni u r-Rikonossiment Reċiproku ta' Apparat u Partijiet ta' Vetturi Awtomobiliċi, jew li fiha huma jilqgħu dak il-Ftehim, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu mgħarrfa mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

Vettura mgħammra b'kontroll, twissija jew indikatur, imniżżla fit-Tabella 1, għandha tilħaq ir-rekwiżiti preskritti ta' dan ir-Regolament għall-pożizzjoni, l-identifikazzjoni, il-kulur u t-tidwil ta' dan il-kontroll, it-twissija jew l-indikatur.

5.1. Pożizzjoni

5.1.1. Il-kontrolli użati mis-sewwieq waqt is-sewqan tal-vettura għandhom ikunu ppożizzjonati sabiex ikunu jistgħu jitħaddmu minn dan is-sewwieq skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5.6.2.

5.1.2. Is-sinjali u l-indikaturi, għandhom ikunu ppożizzjonati sabiex ikunu viżibbli u rikonoxxibbli mis-sewwieq billejl u binhar skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5.6.1 u 5.6.2. Twissijiet u indikaturi ma għandhomx għalfejn ikunu viżibbli jew rikonoxxibbli meta ma jkunux attivati.

5.1.3. It-tagħmir għall-identifikazzjoni ta' twissijiet, indikaturi jew kontrolli għandhom jitqiegħdu fuq jew maġenb is-sinjali, l-indikaturi jew il-kontrolli li jidentifikaw. Fil-każ ta' kontroll multifunzjonali, it-tagħmir tal-identifikazzjoni ma għandux għalfejn ikun maġenbu eżatt. Minkejja dan, għandu jkun viċin kemm hu prattikabbli għal dan il-kontroll multifunzjonali.

5.1.4. Minkejja l-Artikoli 5.1.1, 5.1.2 u 5.1.3 it-twissija għall-“borża tal-arja (airbag) tal-passiġġier mitfija”, jekk imwahnha, għandha tkun qiegħda għewwa l-vettura u quddiem u 'l fuq mid-disinn tal-punt H kemm tas-sedili tas-sewwieq kif ukoll ta' dak tal-passiġġier(i) ta' quddiem fil-pożizzjonijiet l-iktar quddiem tas-sedili tagħhom. It-twissija li tavża li l-borża tal-arja (airbag) tal-passiġġier tkun mitfija għandha tkun viżibbli lis-sewwieq u lill-passiġġier(i) ta' quddiem fil-kundizzjonijiet tas-sewqan kollha.

5.2. Identifikazzjoni

5.2.1. Meta mwahnha, il-kontrolli, twissijiet u indikaturi, imniżżla taħt it-titolu Kolonna 3 tat-Tabella 1, għandhom jiġu identifikati permezz ta' simboli maħsuba għalihom fil-Kolonna 2 tat-Tabella 1. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-kontroll tal-horn (sinjal ta' twissija akustiku), meta jkun attivat permezz ta' kontroll dejjaq qisu ċirku jew permezz ta' ċinga. Jekk jintuża simbolu għall-identifikazzjoni ta' kontroll, twissija jew indikatur mhux imniżżla fit-Tabella 1, huwa rakommandat li jintuża simbolu maħsub għal dan l-iskop fl-istandard ISO 2575:2000 meta jeżisti wieħed u meta dak is-simbolu jkun adattat għall-applikazzjoni kkonċernata.

5.2.2. Sabiex jiġu identifikati kontroll, twissija jew indikatur mhux inklużi fit-Tabella 1 jew l-ISO 2575:2000, il-manifattur jista' juża simbolu li jiddiżinja hu stess. Dan is-simbolu jista' jinkludi indikazzjonijiet alfabetiċi jew numeriċi rikonoxxuti internazzjonalment. Is-simboli kollha użati għandhom isegwu l-prinċipji tad-disinn stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-ISO 2575:2000.

5.2.3. Jekk meħtieġa għaċ-ċarezza, jistgħu jintużaw simboli supplimentari flimkien ma' kwalunkwe simbolu speċifikat fit-Tabella 1 jew l-ISO 2575:2000.

5.2.4. Kull simbolu addizzjonali jew supplimentari użat mill-manifattur m'għandux jikkawża tfixkil ma' kwalunkwe simbolu speċifikat f'dan ir-Regolament.

5.2.5. Meta kontroll, indikatur jew twissija għall-istess funzjoni jiġu kkombinati, simbolu wieħed jista' jintuża biex jidentifika din il-kombinazzjoni.

5.2.6. Minbarra kif stabbilit fl-Artikolu 5.2.7, it-tagħmir kollu tal-identifikazzjoni tat-twissijiet, l-indikaturi u l-kontrolli mniżżla fit-Tabella 1 jew l-ISO 2575:2000 għandhom jidhru lis-sewwieq dejjem wegħin. Fil-każ ta' kontroll rotattiv, dan l-Artikolu japplika għalih meta dan il-kontroll ikun fil-pożizzjoni “mitfija”.

- 5.2.7. L-identifikazzjoni ta' dawn li ġejjin ma għandhomx għalfejn jidhru lis-sewwieq dejjem weqfin:
- 5.2.7.1. kontroll tal-horn,
- 5.2.7.2. kwalunkwe kontroll, twissija jew indikatur allokat fuq l-istering, meta l-istering ikun qiegħed biex il-vettura awtomobilistika timxi f'direzzjoni oħra mhux biss dritt 'il quddiem, u
- 5.2.7.3. kwalunkwe kontroll rotattiv li ma jkollux pożizzjoni mitfija.
- 5.2.8. Kull kontroll għas-sistema awtomatika tal-veloċità tal-vetturi (cruise control) u kull kontroll għas-sistema/i tat-tisħin u tal-kondizzjonament tal-arja għandu jkollu identifikazzjoni provduta għal kull funzjoni ta' kull waħda minn dawn is-sistemi.
- 5.2.9. Meta mwaħħal kull kontroll li jirregola funzjoni tas-sistema fuq medda kontinwa għandu jkollu identifikazzjoni provduta għal-limiti tal-medda tal-aġġustament ta' kull waħda minn dawn il-funzjonijiet.
- Jekk tintuża l-kodifikazzjoni bil-kulur biex jiġu identifikati l-limiti tal-medda tal-aġġustament ta' funzjoni tat-temperatura, il-limitu tas-sħana għandu jiġi identifikat bil-kulur aħmar u l-limitu tal-kesħa bil-kulur blu. Jekk l-istatus jew il-limitu ta' funzjoni jintwera b'indikatur separat minn u mhux maġenb il-kontroll għal dik il-funzjoni, kemm il-kontroll kif ukoll l-indikatur għandhom ikunu identifikati indipendentement b'konformità mal-Artikolu 5.1.3.
- 5.3. Tidwil
- 5.3.1. L-identifikazzjonijiet tal-kontrolli li għalihom hija indikata l-kelma "Iva" fil-Kolonna 4 tat-Tabella 1 għandhom ikunu kapaċi li jixegħlu meta l-bozoz tal-pożizzjoni jiġu attivati. Dan ma japplikax għall-kontrolli li jkunu mal-art, mal-panil tal-kontroll ta' mal-art, l-istering, jew ix-xaft tal-istering, jew fil-parti 'l fuq mill-windskrin, jew għall-kontrolli għal sistema tat-tisħin jew tal-kundizzjonament tal-arja jekk is-sistema ma titfax arja direttament fuq il-windskrin.
- 5.3.2. L-indikaturi u t-tagħmir tal-identifikazzjoni tagħhom li għalihom il-kelma "Iva" hija indikata fil-Kolonna 4 tat-Tabella 1 għandhom ikunu mixgħula kull meta jkun l-apparat li jqabba u/jew jitfi l-magna jkun f'pożizzjoni li tagħmel possibbli t-tħaddim tal-magna u l-bozoz tal-pożizzjoni jkunu attivati.
- 5.3.3. L-indikaturi, it-tagħmir tal-identifikazzjoni tagħhom u t-tagħmir tal-identifikazzjoni tal-kontrolli ma għandhomx għalfejn ikunu mixgħula meta l-bozoz ta' quddiem ikunu qed jiġu fflaxxjati jew jit-ħaddmu bħala bozoz ta' binhar.
- 5.3.4. Fid-diskrezzjoni tal-manifattur kwalunkwe kontroll, indikatur jew it-tagħmir tal-identifikazzjoni tagħhom jista' jkun kapaċi jinxtegħel fi kwalunkwe ħin.
- 5.3.5. Twissija m'għandhiex tarmi dawl minbarra meta tkun qed tidentifika l-funzjonament ħażin jew il-kundizzjoni tal-vettura li hija tkun ddisinjata biex tindika jew matul verifika ta' bozza.
- 5.3.6. Luminożità tat-Tidwil tat-Twissija
- Għandhom jiġu pprovduti mezzi li jagħmlu t-twissijiet u l-identifikazzjoni tagħhom viżibbli u rikonoxxibbli lis-sewwieq fil-kundizzjonijiet kollha tas-sewqan.
- 5.4. Kulur
- 5.4.1. Id-dawl ta' kull twissija mniżżel fit-Tabella 1 għandu jkun tal-kulur li jidher fil-Kolonna 5 ta' din it-tabella.
- 5.4.1.1. Minkejja dan jekk ikun diġà mwaħħal fuq il-vettura kif speċifikat fit-Tabella 1 bl-ispeċifikazzjoni tal-kulur tal-Kolonna 5, kull simbolu bin-nota 18 jista' jintwera b'kuluri oħra, sabiex jagħti tifsiriet differenti, skont il-kodiċi tal-kulur ġenerali kif propost fl-Artikolu 5 tal-istandard ISO 2575:2004.

- 5.4.2. Indikaturi u twissijiet u t-tagħmir tal-identifikazzjoni ta' indikaturi u kontrolli mhux imniżżla fit-Tabella 1 jistgħu jkunu ta' kwalunkwe kulur magħżul mill-manifattur, madankollu, dan il-kulur m'għandux ifixxkel jew jaħbi l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe twissija, kontroll jew indikatur speċifikat fit-Tabella 1. Il-kulur li għandu jintgħażel għandu jsegwi l-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 5 tal-istandard ISO 2575:2000.
- 5.4.3. Kull simbolu li jintuża għall-identifikazzjoni ta' twissija, kontroll jew indikatur għandu jispikka b'mod ċar fuq l-isfond.
- 5.4.4. Il-parti skura ta' kwalunkwe simbolu tista' tkun sostitwita bil-kontorn tiegħu.
- 5.5. Spazju Komuni għall-Wiri ta' Informazzjoni Multipla
- 5.5.1. Spazju komuni jista' jintuża biex juri informazzjoni minn kwalunkwe sors, skont dawn ir-rekwiżiti:
- 5.5.1.1. It-twissijiet u l-indikaturi fl-ispażju komuni għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti fl-inizjazzjoni ta' kwalunkwe kundizzjoni bażika.
- 5.5.1.2. Meta l-kundizzjoni bażika teżisti għall-attwazzjoni ta' żewġ twissijiet jew iktar, l-informazzjoni għandha tkun
- 5.5.1.2.1. ripetuta awtomatikament f'sekwenza, jew
- 5.5.1.2.2. indikata b'mezz viżibbli u kapaċi li jintgħażel biex is-sewwieq jarah fil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5.6.2.
- 5.5.1.3. It-twissijiet għall-funzjoni ħażina tas-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ għaddieni tal-bozza ta' quddiem, l-indikejter tad-direzzjoni jew iċ-ċinturin tas-sigurtà m'għandhomx jintwerew fl-istess spazju komuni.
- 5.5.1.4. Jekk twissija għall-funzjoni ħażina tas-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ għaddieni tal-bozza ta' quddiem, l-indikejter tad-direzzjoni jew iċ-ċinturin tas-sigurtà tintwera fi spazju komuni, din għandha tissostitwixxi kwalunke simbolu ieħor f'dan l-ispażju komuni jekk teżisti l-kundizzjoni bażika għall-attivazzjoni tagħha.
- 5.5.1.5. Bl-eċċezzjoni ta' twissijiet għall-funzjoni ħażina tas-sistema tal-brejkijiet, ir-raġġ għaddieni tal-bozza ta' quddiem, l-indikejter tad-direzzjoni jew iċ-ċinturin tas-sigurtà, l-informazzjoni tista' tkun tithas-sar awtomatikament jew mis-sewwieq.
- 5.5.1.6. Sakemm ma jkunux preskritti f'Regolament speċifiku, ir-rekwiżiti tal-kulur rigward it-twissijiet ma japplikawx meta t-twissijiet jidhru fi spazju komuni.
- 5.6. Kundizzjonijiet
- 5.6.1. Is-sewwieq ikun adatta għall-kundizzjonijiet tad-dawl tal-ambjent.
- 5.6.2. Is-sewwieq jinżamm permezz tas-sistema installata għall-protezzjoni kontra haġta, aġġustata skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, u huwa liberu li jiċċaqlaq fil-limiti ta' dik is-sistema.
6. MODIFIKA FIT-TIP TAL-VETTURA JEW FI KWALUNKWE ASPETT TA' SPEĊIFIKAZZJONI GĦALL-KONTROLLI, IT-TWISSIJET U L-INDIKaturi U ESTENZJONI TAL-APPROVAZZJONI
- 6.1. Kull modifika fit-tip tal-vettura, jew fi kwalunkwe aspett ta' speċifikazzjoni għall-kontrolli, it-twissijiet u l-indikaturi, jew fil-lista msemmija fl-Artikolu 3.2.2 fuq, għandha tiġi notifikata lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva dik it-tip ta' vettura. Id-dipartiment jista' mbagħad jew:
- 6.1.1. Iqis li l-modifika magħmula mhix probabbli li jkollha effett negattiv apprezzabbli u li fi kwalunkwe każ il-vettura xorta tilħaq ir-rekwiżiti; jew
- 6.1.2. Jitlob rapport ta' evalwazzjoni addizzjonali mid-dipartiment tekniku responsabbli għat-tmexxija tal-evalwazzjoni.

6.2. Konferma jew ċaħda tal-approvazzjoni, li tispeċifika t-tibdiliet, għandha tiġi komunikata bil-proċedura speċifikata fl-Artikolu 4.3 fuq lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

6.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estenzjoni tal-approvazzjoni għandha tassjenja numru tas-serje għal kull formola tal-komunikazzjoni mħejjija għal din l-estenzjoni u tavża dwar dan lill-Partijiet l-oħra tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' daww stabbiliti fil-Ftehim, Appendiċi 2 (E/KEE/324-E/KEE/TRANS/505/Rev.2) bir-reqwiżiti li ġejjin:

7.1. Vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun immanifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tilħaq ir-reqwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 hawn fuq.

7.2. L-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull impjant tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba kull sentejn.

8. PIENI GĦAN-NUQQAS TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-reqwiżiti ma jintlaħqux jew jekk vettura bil-marka tal-approvazzjoni ma tikkonformax mat-tip approvat.

8.2. Jekk Parti Kontraenti tal-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat preċedentement, hi għandha tavża immedjatament dwar dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-eżempju fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

9. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament milli jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu javża b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti dik l-awtorità għandha tavża dwar dan lill-Partijiet l-oħra tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-eżempju fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. ISMIJET U INDIRIZZI TAD-DIPARTIMENTI TEKNIĊI RESPONSABBLI GĦAT-TMEXXIJA TA' TESTIJET TAL-APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tad-dipartimenti tekniċi responsabbli għat-tmexxiya ta' testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estenzjoni jew ċaħda jew irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

11. DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORIJI

11.1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament m'għandhomx:

(a) Jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni KEE għal tip ta' vettura skont dan ir-Regolament,

(b) Jipprojbixxu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni għall-kontrolli, it-twissijiet u l-indikaturi,

jekk it-tip ta' vettura jkun konformi mar-reqwiżiti ta' dan ir-Regolament.

- 11.2. Sa sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament m'għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni nazzjonali ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni għall-kontrolli, it-twissijiet u l-indikaturi jekk it-tip tal-vettura ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Tabella 1

Is-simboli, it-tidwil u l-kuluri tagħhom.

Nru	Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4	Kolonna 5
	Oġġett	Simbolu ⁽²⁾	Funzjoni	Tidwil	Kulur
1.	Swiċċ tad-dawl ewlieni It-twissija tista' ma taġixxix bħala twissija għall-bozoz tal-pożizzjoni (tal-ġenb).	 ⁽¹⁾	Kontroll	Le	—
			Twissija ⁽¹²⁾	Iva	Aħmar
2.	Raġġi mbaxxija tal-bozoz ta' quddiem	 ⁽¹⁾ ⁽⁶⁾ ⁽¹³⁾	Kontroll	Le	—
			Twissija	Iva	Aħmar
3.	Raġġi għoljin tal-bozoz ta' quddiem	 ⁽¹⁾ ⁽¹³⁾	Kontroll	Le	—
			Twissija	Iva	Blu
4.	Apparat li jnaddaf il-bozoz ta' quddiem (b'kontroll operattiv separat)	 ⁽¹³⁾	Kontroll	Le	
5.	Indikejter tad-direzzjoni	 ⁽¹⁾ ⁽³⁾	Kontroll	Le	
			Twissija	Iva	Aħmar
6.	Sinjal ta' twissija ta' periklu	 ⁽¹⁾	Kontroll	Iva	
			Twissija ⁽⁴⁾	Iva	Aħmar
7.	Bozoz għaċ-ċpar fuq quddiem	 ⁽¹⁾	Kontroll	Le	
			Twissija	Iva	Aħmar
8.	Bozza għaċ-ċpar fuq wara	 ⁽¹⁾	Kontroll	Le	
			Twissija	Iva	Isfar
9.	Livell tal-fjuwil	 ⁽¹⁸⁾ jew 	Twissija	Iva	Isfar
			Indikatur	Iva	
10.	Pressjoni taż-żejt tal-magna	 ⁽⁵⁾ ⁽¹⁸⁾	Twissija	Iva	Aħmar
			Indikatur	Iva	
11.	Temperatura tal-likwidu għat-tkessiġ tal-magna	 ⁽⁵⁾ ⁽¹⁸⁾	Twissija	Iva	Aħmar
			Indikatur	Iva	
12.	Kundizzjoni tal-Iċċarġjar elet-triku	 ⁽¹⁸⁾	Twissija	Iva	Aħmar
			Indikatur	Iva	
13.	Sistema għall-mesh tal-Windskrin (kontinwa)		Kontroll	Iva	

Nru	Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4	Kolonna 5
	Oġġett	Simbolu ⁽²⁾	Funzjoni	Tidwil	Kulur
14.	Serratura elettrika tat-twieqi	 jew 	Kontroll	Le	
15.	Sistema għall-ħasil tal-windskrin		Kontroll	Iva	
16.	Sistema għall-ħasil u l-mesh tal-windskrin		Kontroll	Iva	
17.	Sistema għat-tneħħija tas-silġ u taċ-ċpar minn mal-windskrin (b'kontroll operattiv separat)		Kontroll	Iva	
			Twissija	Iva	Isfar
18.	Sistema għat-tneħħija tas-silġ u ċ-ċpar minn mat-tieqa ta' wara (b'kontroll operattiv separat)		Kontroll	Iva	
			Twissija	Iva	Isfar
19.	Bozoz tal-pożizzjoni, li jimmarkaw il-ġenb, u/jew jimmarkaw it-tarf tal-kontorn	 ⁽¹⁾ ⁽⁶⁾	Kontroll	Le	
			Twissija ⁽¹²⁾	Iva ⁽⁶⁾	Aħdar
20.	Bozoz tal-parkeġġ		Kontroll	Le	
			Twissija	Iva	Aħdar
21.	Ċinturin tas-sigurtà	 jew 	Twissija	Iva	Aħmar
22.	Funzjonament ħażin tal-borża tal-arja (airbag)	 ⁽⁸⁾	Twissija	Iva	Isfar u/jew Aħmar
23.	Funzjonament ħażin tal-borża tal-arja (airbag) tal-ġenb	 ⁽⁷⁾ ⁽⁸⁾	Twissija	Iva	Isfar u/jew Aħmar
24.	Borża tal-arja (airbag) tal-passiġġier mitfija		Twissija	Iva	Isfar
25.	Funzjonament ħażin tas-sistema tal-brejkijiet	 ⁽⁸⁾	Twissija	Iva	Ara Reg. tal-brejkijiet
26.	Funzjonament ħażin tas-sistema kontra l-illokkjar tal-brejkijiet	 ⁽⁹⁾	Twissija	Iva	Isfar
27.	Miter tal-veloċità	km/h, jekk jintwerew il-kilometri jew mph, jekk jintwerew il-mili ⁽¹⁴⁾	Indikatur	Iva	

Nru	Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4	Kolonna 5
	Oġġett	Simbolu ⁽²⁾	Funzjoni	Tidwil	Kulur
28.	Brejk tal-parkeġġ applikat	 ⁽⁹⁾	Twissija	Iva	Aħmar
29.	Horn		Kontroll	Le	
30.	Dijanjiści abbord tal-magna jew funzjonament ħażin tal-magna		Twissija	Iva	Isfar
31.	Tisħin minn qabel tad-diżil		Twissija	Iva	Isfar
32.	Ċowk (apparat tat-tqabbid fil-kesħa)		Kontroll	Le	
			Twissija		Isfar
33.	Sistema tal-kondizzjonament tal-arja	 jew A/C	Kontroll	Iva	
34.	Awtomatiku (parkeġġ) trażmissjoni (rivers) kontroll (newtrali) pożizzjoni (sewqan)	P R N D ⁽¹⁰⁾	Indikatur	Iva	
35.	Tqabbid tal-Magna	 ⁽¹¹⁾ ⁽¹⁹⁾	Kontroll	Le	
36.	Magna Mitfija	 ⁽¹¹⁾ ⁽¹⁹⁾	Kontroll	Iva	
37.	Kundizzjoni li ttiekel il-kisi tal-brejk	 ⁽⁹⁾	Twissija	Iva	Isfar
38.	Sistema tat-tisħin		Kontroll	Iva	
39.	Fann għat-tisħin u/jew il-kondizzjonament tal-arja	 ⁽¹⁾	Kontroll	Iva	
40.	Livellar tal-bozoz ta' quddiem	 jew  u  ⁽¹³⁾	Kontroll	Le	
41.	Odometru	km, jekk jintwerew kilometri jew mili, jekk jintwerew mili ⁽¹⁵⁾	Indikatur	Iva	

Nru	Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4	Kolonna 5
	Oġġett	Simbolu ⁽²⁾	Funzjoni	Tidwil	Kulur
42a	Pressa baxxa fit-tajers (inkluż funzjonament ħażin)	 ⁽¹⁶⁾	Twissija	Iva	Isfar
42b	Pressa baxxa fit-tajers (inkluż funzjonament ħażin) li tidentifika t-tajer affettwat	 ⁽¹⁶⁾ ⁽¹⁷⁾	Twissija	Iva	Isfar

⁽¹⁾ Il-partijiet tas-simbolu ġo frejm jistgħu jkunu solidi.

⁽²⁾ Is-simboli inklużi f'dan ir-Regolament huma sostanzjalment identiċi għas-simboli deskritti fl-ISO 2575:2000. Il-karatteristiċi dimensjonali proporzjonali speċifikati fl-ISO 2575:2000 għandhom jinżammu.

⁽³⁾ Par vlegġ huwa simbolu wieħed. Meta l-kontroll jew it-twissijiet għal tidwir fuq ix-xellug jew fuq il-lemin jitħaddmu indipendentement, madankollu, iż-żewġ vlegġ jistgħu jiġu kkunsidrati simboli separati u allura jkun hemm spazju bejniethom.

⁽⁴⁾ Dan mhux meħtieġ meta l-vlegġ tat-twissijiet tas-sinjali tat-tidwir li s-soltu joperaw indipendentement iteptu simultanjament bħala twissija ta' periklu.

⁽⁵⁾ Hija awtorizzata kombinazzjoni tas-simbolu tal-pressa tal-magna taż-żejt u s-simbolu tat-temperatura tal-likwidu tat-tkessiħ tal-magna fi twissija waħda.

⁽⁶⁾ Identifikazzjoni separata mhix meħtieġa jekk funzjoni tiġi kombinata mas-swiċċ ewlieni tat-tidwil.

⁽⁷⁾ Jekk tintuża twissija waħda biex tindika funzjonament ħażin tal-borża tal-arja (airbag), għandu jintuża s-simbolu tal-funzjonament ħażin tal-borża tal-arja (airbag) (22).

⁽⁸⁾ Partijiet Kontraenti li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ippermettew jew talbu l-użu ta' test għal din il-funzjoni jistgħu, sa sittin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ikompli jippermettu jew jitolbu t-test flimkien mas-simboli preskritti għall-vetturi li għandhom jiġu reġistrati fil-pajjiż tagħhom.

⁽⁹⁾ Jekk tintuża twissija waħda biex tindika iktar minn kundizzjoni waħda tas-sistema tal-brejkijiet, għandu jintuża s-simbolu tal-funzjoni ħażina tal-brejkijiet.

⁽¹⁰⁾ L-Ittra "D" tista' tinbidel jew tiġi supplimentata minn karattru/i jew simbolu/i alfanumeriċi oħra magħżula mill-manifattur biex jindikaw modi ta' għażla addizzjonali.

⁽¹¹⁾ Uża meta l-kontroll tal-magna ikun separat mis-sistema tal-illokkjar taċ-ċavetta.

⁽¹²⁾ Mhux meħtieġ meta d-dwal tal-panil tal-istrumenti jixgħlu awtomatikament bl-attivazzjoni tal-iswiċċ tad-dawl ewlieni.

⁽¹³⁾ Simboli li jużaw ħames linji minflok erbgħa (u viċi versa) jistgħu jintużaw ukoll.

⁽¹⁴⁾ L-identifikazzjoni meħtieġa tat-test tista' tintwera permezz ta' ittri kbar u/jew żgħar.

⁽¹⁵⁾ L-identifikazzjoni meħtieġa tat-test għandha tintwera permezz ta' ittri żgħar. Jekk jintwerew il-mili, jista' jintuża taqsir.

⁽¹⁶⁾ Barra minn hekk, kwalunkwe waħda mit-twissijiet tal-pressa baxxa tat-tajers tista' tintuża biex tindika funzjonament ħażin fis-sistema tal-monitoraġġ tal-pressa tat-tajers (TPMS).

⁽¹⁷⁾ Il-kontorn tal-vettura li jidher mhux maħsub biex ikun restrittiv, iżda huwa l-kontorn rakkomandat. Kontorni alternattivi tal-vetturi jistgħu jintużaw sabiex jirrappreżentaw aħjar il-kontorn attwali ta' vettura partikolari.

⁽¹⁸⁾ Is-simbolu jista' jintwera f'kuluri oħra minbarra dawk speċifikati fil-Kolonna 5 sabiex jingħataw tifsiriet differenti skont il-kodifikazzjoni ġenerali tal-kulur kif propost fl-Artikolu 5 tal-Istandard ISO.

⁽¹⁹⁾ Il-funzjonijiet "qabbad" u "waqqa" jistgħu jiġu kkombinati f'kontroll wieħed. Bħala alternattiva għas-simbolu/i preskritti(i) huwa awtorizzat l-użu tat-test "START" u/jew "STOP" jew taħlita ta' simboli u test. It-test jista' jintwera b'ittri kbar u/jew żgħar.

ANNEX 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297mm))



maħruġ minn: Isem l-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

li tikkonċerna ⁽²⁾: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
 APPROVAZZJONI ESTIŻA
 APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
 APPROVAZZJONI RTIRATA
 PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni ta' kontrolli manwali, twissijiet u indikaturi tal-vetturi awtomobilistiċi, skont ir-Regolament Nru 121.

Approvazzjoni Nru Estenzjoni Nru

1. Isem kummerċjali jew ditta tal-vettura:
2. Isem tal-manifattur għat-tip ta' vettura:
3. Isem u indirizz tal-manifattur:
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur:

5. Sottomessa għall-approvazzjoni fil:-
6. Dipartiment tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet tal-approvazzjoni:
7. Data tar-rapport tat-test:
8. Numru tar-rapport tat-test:
9. Deskrizzjoni fil-qosor:

	Kontrolli manwali, twissijiet u indikaturi fuq il-vettura	Konformità
9.1.		iva/le ⁽²⁾
9.2.		iva/le ⁽²⁾
...		iva/le ⁽²⁾

10. Osservazzjonijiet

.....

.....

.....

.....

11. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni:
12. Raġuni(jiet) għall-estenzjoni (jekk applikabbli):
.....
13. Approvazzjoni mogħtija/estiża/miċħuda/irtirata ⁽²⁾
14. Post:
15. Data:
16. Firma:
17. Dawn id-dokumenti, li għandhom in-numru tal-approvazzjoni li tidher fuq, huma disponibbli fuq talba:
.....
.....

⁽¹⁾ Numru distintiv tal-pajjiż li ta, estenda, ċaħad jew irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).


⁽²⁾ Ingassa dak li ma japplikax.

ANNEX 2

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

MUDELL A

(Ara l-Artikolu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni li tidher fuq imwajhla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata, fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, it-twissijiet u l-indikaturi, ġiet approvata fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) skont ir-Regolament Nru 121 bin-numru tal-approvazzjoni 001234. L-ewwel żewġ figuri (00) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 121 fil-forma oriġinali tiegħu.

MUDELL B

(ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni li tidher fuq imwajhla fuq vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat għe approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E4) skont ir-Regolament Nru 121 u r-Regolament Nru 33 ⁽¹⁾. In-numru tal-approvazzjoni jindika li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-regolament Nru 121 kien fil-forma oriġinali tiegħu u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

⁽¹⁾ In-numru huwa mogħti biss bħala eżempju.